**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 129/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark A. Mercieca)**
**vs**
**Anthony Camilleri**

**Illum 24 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Anthony Camilleri, iben Victor Benedict u Lazara nee' Borg imwieled gewwa Pieta' nhar is-17 ta' April, 1947, residenti 135, Fl 10, Triq ix-Xatt, Pieta', detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 441747M.

Akkuzat talli nhar is-6 ta' Dicembru, 2017 f'xi hin filghodu gewwa Triq ix-Xatt, Pieta':

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Jason Paul Jones f'periklu car, ikkagunalu griehi ta' natura gravi, hekk kif iccertifikat Dr. Rebecca Schembri, Med reg 435 ta' l-isptar Mater Dei; Art 214, 216 Kap 9;

2. Aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanza, insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Jason Paul Jones; Art 339(1)(e) Kap 9;

3. Aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanza, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju; Art. 338(dd) Kap 9;

Il-Qorti hija mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Jason Paul Jones.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' prezentata riferta posittiva tal-imputat, prezentati 2 riferti ta'Dr.Elizabeth Grech u Dr. Rebecca Schembri, Affidavit ta' Rebecca Schembri Higgans.

l-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja.

L-ufficjal prosekutur l-ispettur Mark Mercieca qara u kkonferma bil-gurament ic-citazzjoni fil-prezenza ta' l-imputat  datata 27 ta' Settembru 2018.

Semghet ix-xhieda tal- prosekuzzjoni, u cioe Dr.Anna Micallef, Dr.Rebecca Schembri Higgens ,Wps 256 Leanne Sant

**WPS 256 Leanne Sant** tispjega illi fis-6 ta' Dicembru 2017 ghal habta tal-10:30 a.m. hija giet infurmata mill-orderly taghha li certu Jason Paul Jones ghamel rapport gewwa l-Ghassa tal-Msida kontra Anthony Camilleri fuq insulti u theddid.  Hija kienet bghatet ghal Anthony Camilleri fejn qabel ma gie mitkellem minnha inghata dritt li jikkonsulta ma Avukat illi huwa kien irrifjuta. Kienet haditlu l-verzjoni tieghu li tinsab imnizzla fir-rapport taghha kif wkoll ghaddhielha zewg certifikati medici ta' griehi gravi. L-investigazzjoni bdiet fuq insulti u theddi izda rrizulta li Anthony Camilleri u Jason Paul Jones gew fl-idejn. Tikkonferma li Anthony Camilleri rrizulta li kellu griehi ta' natura gravi stante li kellu griehi f'wiccu u sahansitra kellu anke l-punti.  Tispjega li hija qatt ma ltaqghet ma Jason Paul Jones izda l-kuntatt bejniethom kien isir permezz tal-emails.

**Dr. Anna Micallef** tispjega li hija tahdem il-Floriana, Gzira w Hal Qormi.  Tghid li d-dokument al fol 9 tal-process huwa rapport tal-Pulizija li hi kienet harget fis-6 ta' Dicembru f'11:50 a.m.  Hija ezaminat lil Anthony Camilleri fejn ikkonstatat li kellu ferita miftuha fil-genb tal-ghajn il-leminija b'forma vertikali, tul ta' centimetru u nofs u fond ta' zewg millimetri li kellha bzonn il-punti.  Kellu tbengila mal-ghajn il-leminija u rreferietu ghall-Isptar Mater Dei.  Ikklassifikat il-griehi bhala ta' natura gravi.  Hija ma tiftakarx jekk Anthony Camilleri kienx liebes nuccali jew le.

**Dr. Rebecca Schembri Higgens** tispjega li hija rat lil Jason Paul Jones fis-7 ta' Dicembru 2017 gewwa Dental Out Patients Mater Dei fid-dipartiment tal-Emergenza.  Ezaminatu u ghamlet x-ray tax-xedaq u snien fejn irrizulta li kien hemm ksur fix-xedaq in-naha tax-xellug.  Meta giet murija fol 11 tal-process bil-kumpilazzjoni numru 129/2018, hija kkonfermat li d-dokument kien l-istess certifikat mediku li rriferiet ghalih.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-kaz kull ma xehedu huma biss tobba u ufficjal tal-Pulizija li kien ha r-rapport ta' dak li gara. Illi f'dan il-kaz iz-zewg tobba li xehedu ikkonfermaw il-griehi li kellu l-parte civile izda ebda wiehed minnhom ma seta' jikkonferma li fil-fatt kienx l-imputat jew le li ghamel dawn il-griehi. Illi jidher ukoll li l-parte civile qatt ma xehed f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti ma setghetx tisma dak li gara ezattament lilhu dakinnhar tal-argument. Illi wkoll l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u ghalhekk lanqas il-verzjoni tieghu x'seta' inqala. Illi l-unika xhud li xehed kien l-ufficjal tal-Pulizija u xehed biss fuq dak li qalulu. Illi minghajr il-parte civile u cioe' x-xhieda tieghu, din il-Qorti ma tistax tasal ghal ebda konkluzjoni x'seta wassal ghal dawk il-feriti. Illi l-Qorti ma tistax tistieh fuq il-verzjoni tal-fatti li sema' haddiehor.

Illi din hija Qorti tal-provi u biex persuna tinstab hati l-provi mressqa ghandhom ikunu minghajr ombra ta' dubju li jwasslu ghal htija tal-persuna. Illi f'dan il-kaz il-Qorti semghet biss xhieda li taw verzjoni li ta l-imputat (ghalkemm WPS 256 qalet li komunikat mieghu biss tramite email) ghax kelmet biss lil Anthony Camilleri. Illi ghalhekk dawn il-fatti li ntqalu lilha huma biss *detto del detto* u fic-cirkostanzi bhal dawn meta lanqas il-parte civile ma xehedet, il-Qorti ma tistax fuq dak li ntqal li qal haddiehor u cioe' fuq dak li sema twassal ghal xi htija.

**Decide:**

Ghaldaqstant din il-Qorti fuq nuqqas ta' provi qieghda tillibera lill-imputat minn kull htija u piena fil-konfront tieghu.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Registratur**